MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 472/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**S. F.**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost minn S. F. (bint – *omissis* –) minn decizjoni moghtija fl-4 ta’ Dicembru 2009 mill-Qorti tal-Minorenni sedenti f’Malta li permezz taghha dik il-Qorti, fuq denunzja maghmula mill-Ufficjal tal-*Probation* fit-termini tal-Artikolu 21(1) tal-Att dwar il-*Probation* (Kap. 446), ittrattat mal-imsemmija S. F. fit-termini tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 21 ghar-reat originali li dwaru hija kienet tqieghdet taht *probation*. Fil-fatt gara li b’sentenza tas-27 ta’ Mejju 2009 l-imsemmija Qorti tal-Minorenni, fuq ammissjoni, kienet iddikjarat lil S. F. hatja ta’ pussess kontra l-ligi tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* u qieghditha taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-

*probation* ghal periodu ta’ sentejn u b’certi kundizzjonijiet annessi mal-istess Ordni ta’ *Probation*.

**2.** Fis-17 ta’ Settembru 2009 l-Ufficjal tal-*Probation* responsabbli mill-imsemmija S. F. iddenunzjatha peress li ma kienitx qed tosserva l-htigiet (kundizzjonijiet) tal-imsemmi Ordni. Wara li l-Qorti tal-Minorenni semghet il-provi, u wara li kkonstatat (i) il-karattru inkontrollabli tal-minuri in kwistjoni, (ii) il-fatt li kienet qed taghtiha wkoll ghall-prostituzzjoni (probabbilment biex tiffinanzja l-vizzju tad-droga), (iii) li bl-imgieba taghha hija kienet kisret diversi drabi l-htigiet ossia kundizzjonijiet tal-Ordni li kien sar fil-konfront taghha u, l-aktar importanti, (iv) li sfortunatament f’Malta ma hawnx “secure facilities” fejn persuna taht l-eta` li tkun inkontrollabbli – cioe` li ma tistax tigi afdata li tirrisjedi f’post mhux maqful minghajr ma tahrab u taghmel hsara lilha nfisha – tista’ tintbaghat skond il-ligi (ghajr, naturalment, il-Habs Civili ta’ Kordin) – wara li kkonstatat dan kollu, dik il-qorti kkundannat lill-imsemmija S. F. xaharejn prigunerija, u ordnat li kopja tas-sentenza taghha tigi komunikata lill-Ministru responsabbli mill-Gustizzja, lill-Ministru responsabbli mill-Politika Socjali u lill-Kummissarju tat-tfal.

**3.** S. F., kif inghad, appellat. L-aggravju taghha – jekk jista’ jissejjah “aggravju” – hu bbazat fuq il-konsiderazzjoni li minn mindu nghatat is-sentenza u fil-pendenza tas-smigh tal-appell, hija dahlet fil-Komunita` Santa Marija biex tibda programm ta’ riabilitazzjoni mill-problema li hija ghandha ta’ dipendenza fuq id-droga. Hija – jew biex wiehed ikun aktar realistiku, l-avukat taghha u l-hafna *social workers* li qed jippruvaw jghinuha – qed titlob li tinghata *chance* iehor.

**4.** Effettivament quddiem din il-Qorti xehdet Vicky Scicluna, mill-Agenzija Sedqa, li fissret li fid-9 ta’ Dicembru 2009 l-appellanti dahlet Santa Marija u, ghalkemm hemmhekk mhix *under lock and key* pero` xorta wahda jidher li sabet postha, qed tikkopera mad-dirigenti tal-komunita` u l-indikazzjonijiet jidhru li huma pozittivi anke ghal dak li hu l-element ta’ kontrollabilita` tal-istess minuri.

**5.** Din il-Qorti hi riluttanti hafna li tirrevoka sentenza tal-Qorti tal-Minorenni meta jirrizulta ampjament mill-atti kemm imxiet b'kawtela l-ewwel qorti, kemm hadet pacenzja bl-appellanti l-Magistrat li tippresjedi dik il-qorti, u meta din il-Qorti (cioe` l-Qorti ta' l-Appell Kriminali) prattikament tikkondividi l-fehmiet kollha espressi mill-ewwel qorti fis-sentenza appellata specjalment (i) dwar li l-kundizzjonijiet ta' Ordni ta' *Probation* ghandhom jigu osservati skrupolozament, u li fin-nuqqas wiehed m'ghandux jistenna hniena mill-qrati, u (ii) dwar il-problema ta' nuqqas ta' "secure facilities" ghal minuri li jkunu inkontrollabbli. Mill-banda l-ohra jidher li l-preokkupazzjoni principali tal-Qorti tal-Minorenni f'dan il-kaz kienet proprju li jekk jibqa' fis-sehh l-Ordni ta' *Probation* dan ser iwassal invarjabbilment ghalbiex S. F. terga' "tahrab" minn fejn tkun qed tirrisjedi u taghmel aktar hsara lilha nfisha. Fid-dawl tal-provi li semghet din il-Qorti fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2010 jidher, pero`, li hemm xaqq ta' dawl li ma kienx ghadu jista' jidher quddiem l-ewwel qorti, fis-sens li fil-Komunita` Santa Marija l-appellanti donnha sabet postha. Din il-Qorti tosserva wkoll li, apparti l-eta` (taghlaq 16-il sena f'Marzu) u l-inkontrollabilita` (ghall-anqas sa ftit ilu) tal-appellanti – fatti dawn li ovvjament kienu a konjizzjoni ta' l-ewwel qorti – ma jirrizultax li l-appellanti hija vjolenti fis-sens li tipprezenta xi risku ghal terzi anke fl-eventwalita` -- li din il-Qorti tittama ma tavverax ruha -- li hija tirreverti ghall-prattika li kienet qabdet precedentement li "tahrab" minn fejn tkun qed tirrisjedi.

**6.** Ghalhekk din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, ser taghti l-ahhar possibilita` lill-appellanti biex tipprova taghmel xi haga pozittiva b'hajjitha. Din il-Qorti taghmilha cara, pero`, li jekk l-appellanti terga' tikser, anke minimament, xi kundizzjoni tal-Ordni tal-*Probation* <u>hi mhix ser issib hajt ta' kenn imkien</u>; u l-piena ghar-reat originali ghandha talvolta tkun ta' aktar minn xahrejn prigunerija proprju biex hija tinqafel, possibilment fit-tul, biex ma taghmilx aktar hsara lilha nnifisha. U biex zgur l-appellanti tkun taf li issa anke l-Qrati huma ghajnejhom fuqha (u bil-lenti tal-ingrandiment), din il-Qorti ser tordna, in aggunta ma

kullma setghet originarjament ordnat il-Qorti tal-Minorenni fis-sentenza tas-27 ta’ Mejju 2009, li l-Ufficjal tal-*Probation* addetta ghall-kaz ghandha tirraporta bil-miktub darba kull xahrejn mil-lum lill-istess Qorti tal-Minorennni dwar l-andament tal-*probationer* (a dan apparti minn rapporti f’forma ta’ denunzja li jista’ talvolta jkun hemm bzonn, u li din il-Qorti tawgura li ma jkunx hemm bzonn).

**7.** Ghall-motivi premessi tilqa’ l-appell u konsegwentement, filwaqt li tikkonferma d-decizjoni appellata tal-4 ta’ Dicembru 2009 in kwantu gie dikjarat li l-imsemmija S. F. naqset li thares xi htiega tal-Ordni ta’ *Probation* tas-27 ta’ Mejju 2009, thassar dik il-parti tal-istess decizjoni fejn il-Qorti tal-Minorenni ttrattat maghha ghar-reat originali u kkundannatha xahrejn prigunerija, u minflok, b’applikazzjoni tal-Artikolu 21(2) tal-Kap. 446, thalli fis-sehh l-Ordni tal-*Probation* imsemmi izda tikkundanna lill-appellanti ammenda ta’ erbghin euro (€40) konvertibbli fi tlett ijiem detenzjoni f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi. Tordna wkoll li l-Ufficjal tal-*Probation* addetta ghall-kaz ghandha tirraporta bil-miktub darba kull xahrejn mil-lum lill-istess Qorti tal-Minorennni dwar l-andament tal-*probationer*. Komunika immedjata ta’ din is-sentenza lill-Ufficjal tal-*Probation* Principali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------